TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 322/10

**Christian Glass**

**vs**

**Telecom**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mija u sebgħin ewro (€170), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li wara disa' xhur biss dan beda jkollu l-problemi.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kienu xtara *mobile phone* mingħand id-ditta intimata u fi żmien disa' xhur kellu l-ħsara.

L-intimat issottometta bil-miktub illi meta ġie biex jagħmel it-tiswija, huwa nduna li parti mill-*mobile phone* kienet imsadda u li allura mhux kopert bil-garanzija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, kellu wkoll l-opportunita' biex jara l-*mobile phone* peress li nfetaħ quddiemu u nduna li kellu problemi ta' sadid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888